

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Ottubru 2007, Sanchez Ferriz et vs Il-Kummissjoni (F-115/06, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) C. Sanchez Ferriz u d-disa' uffiċjali oħra tal-Kummissjoni li l-ismijiet tagħhom jinsabu fl-anness tas-sentenza għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 64, 8.3.2008

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Mejju 2009 — M vs EMEA**

(Kawża T-12/08 P) (<sup>1</sup>)

*(“Appell — Servizz Pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Invalidità — Talba għal eżami mill-ġdid ta' deċiżjoni li ċaħdet l-ewwel talba għall-konvokazzjoni tal-kummissjoni ta' invalidità — Rikors għal annullament — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att konfermatorju — Fatti ġodda u sostanzjali — Ammissibbiltà — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu morali”)*

(2009/C 141/82)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: M (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avocats)

Appellata: Agence européenne des médicaments (EMA) (rappreżentant: V. Salvatore u N. Rampal Olmedo, aġenti)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Ottubru 2007, M vs EMEA (F-23/07, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u li huwa intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

- 1) Id-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Ottubru 2007, M vs EMEA (F-23/07, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), huwa annullat.

2) Id-deċiżjoni tal-Agence européenne des médicaments (EMA) tal-25 ta' Ottubru 2006 hija annullata, inkwantu din ċaħdet it-talba ta' M tat-8 ta' Awwissu 2006 intiża sabiex il-każ tiegħu jitressaq quddiem il-kummissjoni ta' invalidità.

3) L-EMA hija kkundannata tħallas kumpens ta' EUR 3 000 lill-appellant.

4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

5) L-EMA hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll għal dawk ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 64, 8.3.2008

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 2009 — Enercon vs UASI (E-Ship)**

(Kawża T-81/08) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja verbali E-Ship — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)*

(2009/C 141/83)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Enercon GmbH (Aurich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Böhm u V. Henke, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat mid-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appel tal-UASI tal-4 ta' Diċembru 2007 (Każ R 319/2007-1) rigward applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala E-Ship bħala trade mark Komunitarja

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Enercon GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 107, 26.04.2008.